MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 116/2006

**L-Avukati Dottor Michael GRECH u George Hyzler bħala mandatarji speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera Unilever p.l.c. ta' Port Wirral, Merseyside, Renju Unit**

**vs**

**L-Avukat Dottor Leslie CUSCHIERI u P.L. Hilda Ellul Mercer li b'degriet tal-20 ta' Marzu, 2006, ġew nominati Kuraturi Speċjali biex jirrappreżentaw lil Al Tsahiel Co. Ltd.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fis-16 ta' Frar, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, il-kumpannija barranija attriċi talbet li l-Qorti ssib li kunsinna ta' disgħa u tletin elf tliet mija u erbgħa u tmenin (39,384) tubu ta' *toothpastes* li nstabet abbord il-bastiment *M.v. Iran Ilam* fil-Port Ħieles ta' Malta fis-17 ta' Jannar, 2006, hija kunsinna ta' prodotti

foloz, li d-dħul tagħha f'Malta mill-kumpannija mħarrka tikser id-dritt ta' proprjeta' intellettwali tal-kumpannija attriċi għall-finijiet tal-artikoli 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kapitolu 414 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikoli 21(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/03 tat-22 ta' Lulju, 2003, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* reġistrati f'isem il-kumpannija attriċi; biex tordna lill-Kontrollur tad-Dwana biex jeqred l-imsemmija kunsinna mingħajr kumpens lis-soċjeta' mħarrka u dan għall-finijiet tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 414 tal-Liġijiet ta' Malta; u tagħti kull rimedju ieħor għall-finijiet tal-imsemmi Kapitolu 414 u tal-imsemmi Regolament; bl-ispejjeż kollha, magħduda magħhom dawk tal-ġarr, ħażna u l-qerda tal-imsemmija kunsinna ta' tubi ta' *toothpastes*, kontra l-kumpannija mħarrka;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Kuraturi Deputati fid-19 ta' April, 2006, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li huma m'għandhomx mezz biex jikkomunikaw mar-rappreżentanti tal-kumpannija minnhom rappreżentata u minħabba f'hekk m'humiex edotti mill-fatti tal-każ, filwaqt li irriżervaw li 'l quddiem iressqu eċċezzjonijiet oħrajn jekk ikun il-każ;

Semgħet lill-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Ġunju, 2006, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni taħt il-Kapitolu 414 tal-Liġijiet ta' Malta[1] għal dikjarazzjoni ta' falsita' ta' merkanzija li nqabdet f'port f'Malta u għall-qerda tal-istess kunsinna.  Il-kumpannija attriċi barranija trid li kunsinna ta' disgħa u tletin elf tliet mija u erbgħa u tmenin (39,384) tubu ta' *toothpaste* ta' żewġ marki differenti li tagħhom hija s-sid reġistrat, jiġu

[1] L-Att tal-2000 dwar Drittijiet ta' Proprjeta' Intellettwali (Miżuri Intrakonfini)

dikjarati foloz u b'hekk jinqerdu qabel ma jitqiegħdu fis-suq għall-bejgħ;

Illi l-Kuraturi mħarrkin qegħdin jidhru għall-kumpannija Libjana li lilha kellha titwassal il-kunsinna in kwestjoni;

Illi mill-fatti ewlenin li jirrigwardaw il-każ jirriżulta li l-kumpannija barranija attriċi ilha sa minn Marzu tal-1961[2] sid reġistrat f'Malta ta' Marka tal-Kummerċ (*Trademark*) dwar prodotti bl-isem ta' "*Signal*", u sa minn Mejju tal-1975[3] dwar prodotti għat-tindif tal-ħalq bl-isem "*Close Up*". L-istess ismijiet huma wkoll imħarsin bir-reġistrazzjoni xierqa fir-Reġistru Kommunitarju tal-Marki tal-Kummerċ tal-Unjoni Ewropeja bin-numri 001749381 u 000763524 rispettivament;

Illi jirriżulta[4] li nhar it-Tlieta, 17 ta' Jannar, 2006, daħal fil-Port Ħieles ta' Marsaxlokk il-bastiment *m.v. Iran Ilam* minn vjaġġ li telaq mid-Dubai u li kellu jibqa' sejjer għall-port ta' Tobruk fil-Libja, bis-sistema ta' ġarr bi trasbord. Il-bastiment kien mgħobbi b'għadd ta' *containers*, fosthom il-*container* IRSU 4204093[5] li kien dikjarat li kellu fih kwantita' ta' sapun, *toothpaste*, u aċċessorji (pniezel għall-*eyelashes*). Il-kunsinna kienet inġarret taħt polza ta' tagħbija PCL0452ISH0680[6], li turi li l-kunsinna kienet tgħabbiet fil-Port ta' Ningbo fir-Repubblika taċ-Ċina bil-kumpannija mħarrka bħala r-riċevitriċi eventwali tagħha;

Illi mad-dħul f'Malta tal-imsemmi kontejner, id-Dipartiment tad-Dwana qegħditu taħt stħarriġ magħruf bħala *risk analysis*, u l-għada tal-wasla tiegħu fil-Port, infetaħ wara li saret konferma li s-siġilli kienu għadhom mhux mimsusa. Malli nħattet il-kunsinna, nstab li kien hemm kwantita' ta' kaxex mimlijin b'*toothpaste* tal-marki "*Close Up*" u "*Signal*". Billi daħal is-suspett li l-prodott kien falz, ġew mgħarrfa r-rappreżentanti tal-kumpannija barranija attriċi f'Malta. Fis-6 ta' Frar, 2006[7], l-atturi *nomine* talbu lill-

[2] Marka numru 6626, Dok "A", f'paġ. 9 tal-proċess
[3] Marka numru 12035, Dok "B", f'paġ. 10 tal-proċess
[4] Affidavit ta' George Scerri 6.5.2006, Dok "F", f'paġġ. 87-8 tal-proċess
[5] Manifest Dok "E", f'paġ. 86 tal-proċess
[6] Dok "C1", f'paġ. 84 tal-proċess
[7] Dokti "1F" u "F", f'paġġ. 22-5 tal-proċess

Kontrollur tad-Dwana jżomm ir-rilaxx tal-kontenut tal-kontejner. Dak inhar stess, il-kontejner inħatt fil-preżenza ta' rappreżentant tal-bastiment. B'kollox instabu, fost l-oħrajn, mitejn u sebgħa u għoxrin (227) kaxxa *toothpaste* tal-marka "*Close Up*" bi tnejn u sebgħin (72) tubu f'kull kaxxa, u sebgħin (70) kaxxa *toothpaste* tal-marka "*Signal*" b'mija u erbgħa u erbgħin (144) tubu kull waħda, u mija u tmenin (180) kaxxa oħrajn bi tnejn u sebgħin (72) tubu kull waħda;

Illi l-atturi *nomine* bagħtu kampjuni tal-kunsinna maħtuta lit-taqsima relattiva tal-kumpannija barranija attriċi biex jeżaminawhom. Dawn waslu għall-fehma li l-prodotti ma kinux manufatturati mill-istess kumpannija[8]. Il-kawża nfetħet fis-16 ta' Frar, 2006;

Illi minn dawk il-fatti jitnisslu l-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt</u> li ġejjin. Fl-ewwel lok, il-kumpannija barranija mħarrka, bħala destinatarja tal-kunsinna, ma bagħtet l-ebda kumment jew kontestazzjoni għall-fatti mressqin mill-kumpannija barranija attriċi. Lanqas tat struzzjonijiet lill-kuraturi maħturin biex jidhru għaliha, minkejja li jirriżulta li dawn għamlu ħilithom biex jibagħtu jgħarrfuha b'dak li kien għaddej;

Illi l-kumpannija attriċi barranija hija detentriċi ta' dritt li għalih japplika l-artikolu 2 tal-Kapitolu 414 tal-Liġijiet ta' Malta. B'żieda ma' dan, intwera wkoll li l-istess kumpannija attriċi tgawdi ħarsien tal-imsemmija marki tal-kummerċ ukoll fuq livell ta' normativa Ewropeja, jiġifieri r-Regolamenti 40/94 tal-20 ta' Diċembru 1993 u 1383/03 tat-22 ta' Lulju, 2003, li llum il-ġurnata jagħmlu parti mil-liġi Maltija[9]. Minħabba f'dawn il-jeddijiet tagħha, il-kumpannija attriċi allura għandha l-jedd li tressaq l-azzjoni li għandna quddiemna llum;

Illi jirriżulta wkoll li l-kunsinna mertu tal-kawża ma nġabitx Malta bir-rieda tal-kumpannija attriċi barranija, u lanqas kienet biss manufatturata minnha. Għall-kuntrarju, ntwera li l-kunsinna kienet waħda ta' prodott kontrafatt u

[8] Dokti "D" u "E", u "A1" u "B1", f'paġġ. 12 sa 21 u 82-3 tal-proċess
[9] Bis-saħħa tal-A.L. 233 tal-2003

maħsuba biex titqassam għall-bejgħ lill-konsumaturi. Il-fatt li l-kunsinna kienet tagħmel parti minn tagħbija li kellha tibqa' sejra barra minn Malta u ma tinbiegħx f'Malta ma jnaqqas xejn mis-setgħa ta' din il-Qorti li tisma' l-kawża u tqis it-talbiet attriċi. Dan għaliex il-liġi tagħmilha ċara li dak li jgħodd huwa li l-merkanzija falza tirriżulta li tkun fiżikament preżenti f'Malta f'xi waqt. Iż-żewġ kriterji li jagħtu s-setgħa lill-Qorti f'każijiet bħal dawn huma l-falsita' tal-merkanzija li tkun, u l-ksur ta' xi jedd intellettwali tal-parti li tressaq il-kawża;

Illi l-falsita' tal-kunsinna toħroġ mhux biss fid-dieher minn dak li jolqot l-għajn, imma ntweriet fattwalment b'analiżi li saru fil-laboratorji tal-kumpannija attriċi, u għalhekk hija stabilita fi grad tekniku tajjeb biżżejjed biex il-Qorti tista' toqgħod fuq il-konklużjonijiet milħuqa;

Illi t-talba gfħall-qerda tal-kunsinna wkoll taqa' fil-qafas tal-ħsieb ewlieni tal-liġi speċjali, li l-għan tagħha huwa dak li twaqqaf il-kummerċ internazzjonali ta' merkanzija falza;

Illi, minħabba f'din il-ġabra ta' ċirkostanzi kollha, l-Qorti tasal għall-fehma li t-talbiet attriċi huma mistħoqqa u sejra tilqagħhom;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-kunsinna ta' *toothpastes* tal-marki "*Close Up*" u "*Signal*" li għalihom jirreferu l-atti ta' din il-kawża kienet kunsinna ta' prodotti foloz għall-finijiet tal-artikolu 2(1)(a) u 2(1)(b) tal-Kapitolu 414 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet attriċi** u tiddikjara li d-dħul f'Malta tal-imsemmija kunsinna tikser il-jeddijiet intellettwali mħarsa li l-kumpannija attriċi barranija tgawdi fil-liġi u kif magħrufa kemm mill-awtoritajiet f'Malta u kif ukoll dawk tal-Unjoni Ewropeja;

**Tilqa' r-raba' talba attriċi** u tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jipproċedi għall-pratiki kollha meħtieġa,

magħduda magħhom l-għoti ta' kull direttiva, mogħtija lilu b'setgħa mil-liġi għall-qerda tal-kunsinna ta' *toothpaste* fuq imsemmija, u dan sa mhux aktar tard minn xahar kalendarju minn dak inhar li jiġi notifikat b'kopja awtentikata ta' din is-sentenza, liema notifika għandha ssir mill-atturi *nomine*;

**Tastjeni milli tqis il-ħames talba** billi l-atturi *nomine* ma indikaw l-ebda ħtieġa ta' rimedju ieħor li jridu li din il-Qorti tagħti għat-talbiet tagħhom b'żieda mal-qerda tal-merkanzija in kwestjoni;

**Tilqa' s-sitt talba attriċi** billi tikkundanna lill-kumpannija mħarrka l-ispejjeż kollha marbuta mal-ġarr, il-ħażna u l-qerda tal-kunsinna msemmija, u kif ukoll l-ispejjeż kollha tal-kawża, b'dan li għalissa, d-drittijiet tal-Kuraturi Deputati jitħallsu mill-atturi *nomine*; u

**Tordna** li, sa mhux aktar tard minn ħmistax-il (15) jum tax-xogħol minn dak inhar li l-ordni tal-Qorti għall-qerda tal-kunsinna ta' *toothpaste* titwettaq, il-Kontrollur tad-Dwana jressaq Nota fl-atti ta' din il-kawża li biha jgħarraf lill-Qorti bl-eżekuzzjoni tal-ordni tal-qerda jew, fin-nuqqas, li jagħti r-raġunijiet għaliex dak l-ordni ma twettaqx.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------